# Il-Finlandja, ċentru ta' innovazz

**Dr Kenneth Vella**

Min isegwi l-iżviluppi fil-qasam edukattiv, kemm lokalment u anki fil-qasam internazzjonali, żgur li huwa konxju tal-progress qawwi li kellha l-Finlandja f'dan il-qasam fl-aħħar snin. Dan il-pajjiż mhux biss beda joffri edukazzjoni għolja ta' kwalità għolja, iżda anki beda jakkwista riżultati għoljin u ta' eċċellenza f'eżamijiet internazzjonali bħall-PISA u anki t-TIMSS.

Kien minħabba f'hekk li matul l-aħħar snin, edukaturi u *policy makers* minn madwar id-dinja (inkluża Malta) bdew jieħdu interess speċjali fis-sistema edukattiva Finlandiża u l-karatteristiċi tagħha li qegħdin iwasslu għal dan il-progress.

Grazzi għall-ftehim milħuq fi Frar li għadda, bejni, bħala kap tal-iskola Mater Boni Consilii St Joseph ta' Raħal Ġdid u Learning Scoop Finland, li toffri servizz ta' konsulenza u korsijiet dwar l-edukazzjoni Finlandiża, grupp ta' erba' għalliema minn din l-iskola, flimkien miegħi, kellna esperjenza ta' ġimgħa fil-belt ta' Tampere, il-Finlandja, u li matulha kellna ċ-ċans inżuru skejjel u istituzzjonijiet oħra edukattivi, nosservaw mill-viċin lezzjonijiet differenti, niltaqgħu u niddiskutu s-sistema edukattiva ma' kapijiet ta' skejjel, edukaturi u anki studenti.



Kull student fil-Finlandja hu intitolat għal ikla bnina u sustanzjuża kuljum, imħallsa mill-Gvern Finlandiż

Grazzi għall-impenn ta' Johanna Jarvinen Taubert, Juha Lahtinen, Paivi Valtonen, Elina Harju u Elimaja Ahonen minn Learning Scoop stajna ninnutaw x'jagħmel is-sistema edukattiva Finlandiża daqstant unika u speċjali, x'inhuma d-differenzi ewlenin bejn is-sistema edukattiva Finlandiża u dik tagħna, u fuq kollox fil-kuntest Malti liema inizjattivi li qed jittieħdu fil-Finlandja jistgħu jiġu implimentati mingħajr ħafna tibdil kbir.

Magħna kien hemm ukoll kapijiet ta' skejjel u edukaturi mit-Tajlandja, minn Hong Kong, l-Istati Uniti u l-Filippini. Kollha kemm aħna kellna nżommu f'moħħna wkoll li fil-Finlandja hu stmat li kull sena qed jintefqu madwar €7,000 għal kull student li jattendi l-iskola.

Matul din iż-żjara tagħna fil-belt ta' Tampere kellna l-opportunità nżuru erba' skejjel bi tradizzjoni u b'organizzazzjoni differenti, kif ukoll waħda mill-erbatax-il librerija pubblika li hemm fil-belt ta' Tampere, il-Mużew Vapriiki u l-Università ta' Tampere.

Matul dawn iż-żjarat kellna ċ-ċans niddiskutu u niġu mgħarrfa dwar il-prinċipji ewlenin li jsawru s-sistema edukattiva Finlandiża, il-kurrikulu l-ġdid għall-iskejjel Finlandiżi, u kif dan qiegħed jiġi rifless fit-tagħlim u anki fl-assessjar tat-tfal ta' etajiet differenti; is-sapport mogħti lit-tfal li għandhom diffikultà fit-tagħlim, l-edukazzjoni inklużiva, il-*counselling* u servizzi oħrajn relatati mal-*welfare* mogħtija lill-istudenti; it-tagħlim f'ambjent barra mill-klassi u fl-apert, inkluż fil-foresti u anki t-tmexxija tal-iskejjel Finlandiżi.

Ħaġa li tolqtok f'dawn l-iskejjel hi li m'hemm l-ebda grada jew ħajt jifridhom mill-kumplament tat-triq, mid-djar jew mill-foresta tal-madwar.


L-iskola Vuoresiken Koulu, li nfetħet uffiċjalment fl-aħħar xhur, armata bl-aqwa faċilitajiet wara investiment ta' 45 miljun ewro li sar mill-Gvern Finlandiż

## Organizzazzjoni

Matul din iż-żjara kont akkumpanjat mill-kollegi tiegħi Renette Magro, Charlotte Zammit, Sara Schembri u Maria Agius, u fi tmiemha ma stajtx ma nirriflettix fuq dawk l-aspetti li jagħmlu l-edukazzjoni fil-Finlandja tant speċjali. Dan f'kuntrast ukoll mas-sistema edukattiva ta' pajjiżna.

Il-kapijiet tal-iskejjel igawdu awtonomija sħiħa kif jorganizzaw it-*timetable* tagħhom. Fil-Finlandja, il-ġurnata tal-iskola għat-tfal hija qasira (madwar erba' jew ħames sigħat kuljum), il-HW huwa minimu għax il-Finlandiżi jemmnu li t-tfal għandu jkollhom il-ħin kollu neċessarju biex jagħmlu attivitajiet extrakurrikulari fl-iskola stess jew f'istituzzjonijiet oħrajn (kif jgħidu l-Finlandiżi stess, *less is more*). Il-Finlandja hi pajjiż tal-passatempi, u kull tifel u tifla għandu jkollhom iċ-ċans jipprattikaw xi passatemp favorit. Min-naħa l-oħra, meta t-tfal iħallu l-iskola fl-aħħar tal-jum, l-għalliema jinġabru flimkien u jiddiskutu l-pjani tal-lezzjonijiet.

Wara kull lezzjoni ta' 45 minuta, it-tfal igawdu minn pawsa ta' ħmistax-il minuta, għax hemm it-twemmin li t-tfal għandhom bżonn jiċċaqalqu l-ħin kollu u m'għandhomx jitħallew passivi fil-klassi għal ħafna ħin. Huma jqattgħu din il-pawsa barra mill-klassi, inkluż fix-xitwa, meta t-temp ikun ferm kiesaħ, anki b'temperaturi taħt iz-zero. Il-kapijiet tal-iskejjel ikkummentaw miegħi li l-kesħa tagħti s-saħħa lill-istudenti, u li t-tfal jiġu mwaqqfa milli joħorġu jilagħbu fil-bitħa jekk it-temperatura tkun anqas minn 20 grad taħt iz-zero. Dan barra l-pawsa tas-soltu, li tkun ftit itwal u li matulha t-tfal jieklu flimkien.

# zjoni u eċċellenza fl-edukazzjoni





Il-parteċipanti kollha li ħadu sehem fl-attivitajiet organizzati minn Learning Scoop f'Tampere, il-Finlandja

Ħaġa li laqtitni kienet li fil-klassijiet, biex ikunu komdi, it-tfal jippreferu joqogħdu ħafjin u jilbsu biss iż-żarbun meta joħorġu għall-pawsa. Fil-fatt, f'kull kuritur tal-iskola stajt ninnota xkafef apposta fejn it-tfal iħallu ż-żraben tagħhom qabel ma jidħlu fil-klassi.

It-tfal jiġu assessjati b'eżami nazzjonali fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja biss. Madankollu, matul is-sena skolastika u matul is-snin, it-tfal jiġu assessjati b'modi differenti, inkluż b'testijiet żgħar ippreparati mill-għalliema stess. It-tfal għandhom ukoll tlettax-il ġimgħa ta' vaganzi fis-sena. Ħafna mil-lezzjonijiet jiġu ppjanati f'kuntest ta' stil tematiku u *project-based*. U permezz tagħhom, l-istudenti u l-għalliema jgħaqqdu flimkien suġġetti differenti u jinvestigaw sfidi u realtajiet relatati mal-ħajja ta' kuljum.

## L-istudenti

Żgur li jispikka qabel xejn is-sens ta' indipendenza u maturità li għandhom it-tfal Finlandiżi. Jaslu l-iskola bir-rota jew bil-mixi, kollha jattendu l-aktar skola viċin id-dar tagħhom għax fil-Finlandja jemmnu li l-aħjar skola hija dik ta' viċin id-dar peress li l-iskejjel kollha huma kkunsidrati ugwali u joffru l-istess livell għoli ta' edukazzjoni (*"the nearest school is the best school"*). It-tfal kollha f'kull skola u ta' kull età jiġu offruti b'xejn kuljum *lunch* sustanzjuż. Dan imħallas mill-Gvern Finlandiż.

Fil-livell ta' *preschool* (tfal ta' sitt snin), it-tfal jiġu inkoraġġiti jkunu awtonomi u indipendenti. L-iskola obbligatorja tkompli sa meta t-tfal ikollhom sittax-il sena, u madwar 95% tal-istudenti jkomplu bl-istudji tagħhom wara li jtemmu l-edukazzjoni obbligatorja.

Id-dritt għall-ugwaljanza huw rifless ukoll fit-*timetable* tal-istudenti. Is-subien u l-bniet jiġu offruti l-istess suġġetti, u sal-aħħar sena sekondarja, it-tfal ma jinqasmux bejn dawk li jridu jaqbdu l-linja akkademika jew dik vokazzjonali. Iżda jagħmlu s-suġġetti kollha għax fil-Finlandja jemmnu li jkun kmieni wisq biex it-tfal iżgħar minn sittax-il sena jiġu mġiegħla jagħżlu bejn id-direzzjoni vokazzjonali u dik akkademika. Fil-fatt, matul iż-żjara tiegħi, jiena osservajt subien u bniet minn kull klassi sekondarja jagħmlu kemm lezzjonijiet tal-ħjata u anki bl-injam u fl-istess ħin kollha kellhom suġġetti akkademiċi.

Matul ċerti lezzjonijiet li jsiru barra mill-klassi, it-tfal jiġu inkoraġġiti jagħmlu anki użu mit-telefons ċellulari tagħhom biex jieħdu r-ritratti u jagħmlu l-eżerċizzji li jingħataw mill-għalliema. Jispikkaw anki l-klassijiet fil-foresti biswit l-iskejjel, armati wkoll biex it-tfal jagħmlu l-lezzjonijiet barra f'kuntatt dirett man-natura.

> It-tfal jiġu assessjati b'eżami nazzjonali fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja biss. Madankollu, matul is-sena skolastika u matul is-snin, it-tfal jiġu assessjati b'modi differenti, inkluż b'testijiet żgħar ippreparati mill-għalliema stess.

## Edukazzjoni inklużiva u assistenza għall-istudenti

Kemm jista' jkun tfal li jkollhom bżonn l-għajnuna biex jimxu fl-iskola jiġu identifikati sa minn età bikrija. Dan grazzi wkoll għaċ-ċentri magħrufa bħala *neuvola*, li jagħmlu assessjar soċjali, fiżiku u mentali tat-tfal sa ma jkunu ta' età tenera. Dan biex meta jidħlu l-iskola, it-tfal jingħataw l-assistenza li jkollhom bżonn sa mill-ewwel ġranet.

F'dawn iċ-ċentri, wieħed isib tobba, *nurses*, *speech therapists* u psikjatri, li huma obbligati jagħmlu analiżi ta' kull tifel u tifla Finlandiżi sa minn meta dawn ikunu trabi.

Fl-iskejjel, imbagħad, insibu tliet livelli ta' assistenza għat-tagħlim, li huma – sapport ġenerali (kull student hu intitolat għalih), sapport intensiv (dan wara li student ikun ġie assessjat u jsir pjan ta' tagħlim personali għalih) u sapport speċjali (dan meta s-sapport intensiv ma jkunx biżżejjed u jkun hemm bżonn assistenza aktar sistematika u wiesgħa).

Fl-aħħar snin tal-iskola sekondarja, f'ċerti istituzzjonijiet, numru żgħir ta' studenti jistgħu jattendu wkoll il-programm JOPO, li joffri edukazzjoni flessibbli biċ-ċans li l-istudenti jaħdmu wkoll erbgħin ġurnata, skont ix-xogħol li jogħġob lilhom. Student jibda jattendi dan il-programm wara sensiela ta' laqgħat bejn it-tmexxija tal-iskola, l-għalliema, il-ġenituri u l-istess tfal. Min jattendi dan il-programm hu stmat daqs kull student ieħor fl-iskola.

Dan il-programm hu indirizzat lejn studenti mhux daqstant motivati, u li jkunu qed jirriskjaw li jiġu esklużi mill-edukazzjoni sekondarja. Dan għax, skont il-Finlandiżi, "it-tagħlim mhux bilfors iseħħ fil-klassi, u ċerti partijiet mill-kurrikulu minn ċerti tfal jistgħu jsiru fuq il-post tax-xogħol."

Barra dawn hemm ukoll programmi apposta għat-tfal tal-immigranti biex dawn jintegraw fis-soċjetà u jkunu jistgħu jattendu skola regolari fil-pajjiż, u anki programm ta' *guidance* u *counselling* għal kull student.

Skont il-kurrikulu l-ġdid, kull student fl-aħħar snin tal-edukazzjoni sekondarja hu intitolat għal 76 siegħa ta' *guidance* u *counselling*, li jsiru kemm fl-iskola u anki barra minnha.

***Ikompli fil-ħarġa ta' għada***

## Rubrika ġdida

**Nixtiequ ninfurmaw lill-qarrejja tagħna li aktar tard dan ix-xahar se nintroduċu rubrika ġdida fil-gazzetta tagħna. Din se tittratta l-edukazzjoni u se tkun ko-ordinata minn Dr Kenneth Vella stess, li minbarra li hu kap ta' skola, huwa wkoll riċerkatur fil-qasam edukattiv u lecturer part-time fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Min ikun jixtieq jagħmel kuntatt miegħu dwar din ir-rubrika, jista' jibgħatlu email fuq kenneth_vella@yahoo.co.uk.**